MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru 756/2013

**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**SEBASTIAN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sebastian Farrugia ta’ 37 sena, bin Angelo u Rita nee’ Apap, mwieled Pieta’ fit-18 ta’ Dicembru 1975, residenti 30, Triq l- Isqof Scicluna, Qormi u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 40476M;

Talli;

1) Fl- 10 ta’ Awwissu 2013, ghal habta tas- 2.00pm fi Triq San Bartolomew, Qormi, ikkommetta serq ta’ basekt u xi oggetti ohra b’ valur totali ta’ €50, minn go vettura tal- ghamla Peugeot 207 bin- numru tar- registrazzjoni MUF 993 liema serq ikkwalifikat bil- mezz, bix- xorta tal- haga misrqua u bil- vjolenza li sar ghad- detriment ta’ Marilyn Abela u/ jew Daniel Buhagiar;
2) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg hadiehor, mobbli jew immobbli, hsara fuq il- vettura tal- ghamla Peugeot 207 bin- numru tar- registrazzjoni MUF 993, liema hsara tiskorri s- somma ta’ €116.47, izda inqas minn €1,164.69 li saret ghad- dannu ta’ Marilyn Abela u/jew Daniel Buhagiar;
3) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l- persuna kellu fuq il- persuna tieghu xi arma regolari jew imitazzjoni tieghu;
4) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr ‘il barra minn xi fond jew id- dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il- Kummissarju tal- Pulizija;
5) Ukoll talli sar recidiv ai terminu tal- Artikoi 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qrati

ta'Malta liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 271, 276, 277(b), 325(1)(b), 6, 51(7), (9), 49, 50, 289, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u tnejn u disghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€292.42) fi zmien sitt (6) xhur lil Marilyn Abela ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll il-hrug ta’ Ordni ta’ Trattament fil-konfront tal-imputat ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 412D tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------